KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.5.2007
KUMM(2007) 279 finali

# WHITE PAPER DWAR

## Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutriment, il-Piż Żejjed u l-Obeżità

{SEG(2007) 706}
{SEG(2007) 707}

**WHITE PAPER DWAR**

**Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutriment, il-Piż Żejjed u l-Obeżità**

## 1. DAĦLA

L-għan ta' din il-*White Paper* huwa li jiġi stabbilit approċċ integrat ta' l-UE li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tan-nuqqas ta' saħħa minħabba nutriment ħażin, piż żejjed u obeżità. Il-*Paper* tkompli tibni fuq l-inizjattivi reċenti mwettqa mill-Kummissjoni b'mod partikolari l-Pjattaforma ta' l-UE għal Azzjoni dwar id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa[1] u l-*Green Paper* "*Il-promozzjoni ta' dieta sana u l-attività fiżika: dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni tal-piż żejjed, l-obeżità u l-mard kroniku*"[2].

F'dawn l-aħħar tletin sena l-livelli ta' obeżità u piż żejjed[3] fil-popolazzjoni ta' l-UE għolew b'mod drammatiku, partikolarment fost it-tfal, fejn il-prevalenza stmata ta' piż żejjed kienet ta' 30% fl-2006. Dan huwa sinjal ta' tendenza ta' dieta ħażina li sejra għall-agħar u livelli baxxi ta' attività fiżika fost il-popolazzjoni kollha ta' l-UE u li wieħed jistenna li tgħolli l-livelli ta' għadd ta' kondizzjonijiet kroniċi fil-ġejjieni, bħal pereżempju mard kardjovaskolari, pressjoni għolja, id-dijabete tat-tip 2, puplesija, ċerti tipi ta' kankru, mard muskolu-skeletali kif ukoll firxa ta' kondizzjonijiet ta' nuqqas ta' saħħa mentali. Fuq medda twila ta' żmien, dan se jwassal għal impatt negattiv fuq it-tul ta' ħajja mistenni fl-UE u nuqqas fil-kwalità ta' ħajja għal bosta nies.

Kien hemm sejħiet ripetuti mill-Kunsill[4] biex il-Kummissjoni tiżviluppa azzjonijiet fil-qasam tan-nutriment u l-attività fiżika, inklużi l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-obeżità, il-promozzjoni tas-saħħa tal-qalb u d-dijabete.

Il-konsultazzjoni dwar il-*Green Paper* kellha kunsens wiesa' ħafna dwar il-fehma li l-Komunità għandha tikkontribwixxi billi taħdem b'medda ta' partijiet interessati differenti fuq il-livell nazzjonali, reġjonali u lokali[5]. Dawk li wieġbu enfażizzaw il-ħtieġa għal konsistenza u l-koerenza fil-politika tal-Komunità u l-importanza ta' approċċ f'ħafna oqsma. Enfażizzaw is-siwi li l-UE tikkoordina l-azzjonijiet, bħal pereżempju l-ġbir u t-tixrid tal-prassi tajba, kif ukoll il-ħtieġa li l-UE tiżviluppa pjan ta' azzjoni u messaġġ qawwi lill-partijiet interessati.

---

1 http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/nutrition/platform/platform_en.htm

2 http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/nutrition/green_paper/consultation_en.htm

3 Il-problema tal-piż żejjed u l-obeżità hija espressa b'mod sempliċi bħala teħid **eċċessiv ta' enerġija mill-ikel flimkien ma' konsum baxx jew mhux suffiċjenti ta' enerġija li jfisser fdal ta' enerġija**, maħżuna taħt forma ta' xaħam fil-ġisem.

4 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2002 dwar l-Obeżità (ĠU C 11, 17.1.2003, p. 3), tat-2 ta' Diċembru 2003 dwar Stili ta' Ħajja Sana (ĠU C 22, 27.1.2004, p.1); tat-2 ta' Ġunju 2004 dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa tal-Qalb (Stqarrija għall-istampa: 9507/04 (Presse 163); tas-6 ta' Ġunju 2005 dwar l-Obeżità, in-Nutriment u l-Attività Fiżika (Stqarrija għall-istampa: 8980/05 (Presse 117); tal-5 ta' Ġunju 2006 dwar il-Promozzjoni ta' Stili ta' Ħajja Sana u l-Prevenzjoni tad-dijabete tat-tip II (ĠU C 147, 23.6.2006, p.1)

5 http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/nutrition/green_paper/nutrition_gp_rep_en.pdf

Wara l-*Green Paper* kien hemm riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew "*Il-Promozzjoni ta' dieta sana u l-attività fiżika: dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni tal-piż żejjed, l-obeżità u l-mard kroniku"* li saħħet dawn il-messaġġi.

Kull azzjoni pubblika f'dan il-qasam, inklużi dawk li jistgħu jittieħdu fuq livell tal-Komunità, għandha tqis tliet fatturi: L-ewwel nett, l-individwu fl-aħħar mill-aħħar huwa responsabbli mit-tfassil ta' ħajtu, u ta' wliedu, filwaqt li tingħaraf l-importanza u l-influwenza ta' l-ambjent fuq għemilu. It-tieni, konsumatur infurmat jista' jagħmel deċiżjonijiet razzjonali. Fl-aħħar nett, reazzjoni mill-aqwa f'dan il-qasam tinkiseb billi jinġiebu 'l quddiem kemm il-komplimentarjetà kif ukoll l-integrazzjoni ta' l-oqsma differenti u rilevanti ta' politika (approċċ mimdud), u tal-livelli differenti ta' azzjoni (approċċ wieqaf).

F'bosta oqsma l-livelli ewlenin għal azzjoni huma jew nazzjonali jew reġjonali. L-azzjoni pubblika ta' l-UE f'dawn l-oqsma se timmira jew lejn li tikkomplementa u ttejjeb l-azzjonijiet meħuda f'livelli oħra ta' deċiżjoni kemm nazzjonali kif ukoll reġjonali jew lejn li tindirizza kwistjonijiet li *per se* huma parti mill-politika tal-Komunità. Tabilħaqq, bosta azzjonijiet huma marbuta direttament mat-tħaddim tas-suq intern (bħal pereżempju r-rekwiżiti ta' ttikkettjar, awtorizzazzjonijiet ta' stqarrijiet ta' saħħa u proċeduri ta' kontroll fuq l-ikel) filwaqt li oħrajn jiffurmaw parti minn oqfsa aktar speċifiċi bħal pereżempju il-Politika Agrikola Komuni (permezz tas-CMO għall-frott u l-ħaxix), l-inizjattivi tal-Kummissjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni, il-politika reġjonali (fondi strutturali) u fl-aħħar nett iżda mhux l-anqas il-politika awdjo-viżiva u tal-midja. Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa wkoll kritiku fil-ġbir flimkien ta' inizjattivi interessanti lokali jew nazzjonali u fit-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' skambju ta' l-aħjar prassi pan-Ewropej.

Barra minn hekk, minħabba n-natura globali li dejjem tiżdied tal-biċċa 'l kbira tas-setturi ta' l-industrija fl-oqsma ta' l-ikel u n-nutriment, u sabiex ma jkunx hemm żieda addizzjonali fil-piż amministrattiv li jkun ġej minn regoli nazzjonali differenti u x'aktarx diverġenti kif ukoll sabiex jingħata stimolu lill-kompetittività f'qasam ġdid innovattiv ibbażat fuq ir-riċerka, sett wieħed ta' azzjonijiet ikkoordinati fil-livell ta' l-UE jitqies bħala preferibbli, mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati, minflok bosta azzjonijiet individwali fil-livell ta' l-Istati Membri.

## 2. PRINĊIPJI GĦALL-AZZJONI

Is-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni importanti ta' saħħa pubblika tinvolvi l-integrazzjoni ta' l-istrateġiji politiċi fil-kategoriji kollha; mill-ikel u l-konsumatur, għall-isport, l-edukazzjoni u t-trasport. L-obeżità għandha prevalenza ogħla fost nies li jinsabu fi gruppi soċjo-ekonomiċi aktar baxxi u dan juri l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lid-dimensjoni soċjali tal-kwistjoni. Hemm erba' aspetti fondamentali fl-azzjonijiet deskritti f'dan id-dokument.

Dawn l-azzjonijiet iridu jitwettqu fil-livelli kollha tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni, minn dak lokali għal dak tal-Komunità. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-azzjoni tal-Komunità, l-azzjonijiet għandhom jiġu proposti jew permezz ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji politiċi u attivitajiet kollha rilevanti tal-Komunità jew għandhom jikkomplimentaw strateġiji politiċi nazzjonali meta dan jinstab xieraq, kif previst fl-Artikolu 152 tat-Trattat KE.

**L-ewwel nett,** l-azzjonijiet għandu jkollhom il-mira li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tar-riskji marbuta mas-saħħa. B'dan il-mod, l-azzjonijiet imfassla fl-istrateġija għandhom jikkontribwixxu biex jitnaqqsu r-riskji kollha marbuta ma' dieta ħażina u attività fiżika limitata inkluża dik, iżda mhux biss dik, marbuta mal-piż żejjed.

**It-tieni,** l-azzjonijiet deskritti huma ntiżi biex jaħdmu ma' l-oqsma kollha ta' politika tal-gvern u f'livelli differenti bl-użu ta' medda ta' strumenti nklużi l-leġiżlazzjoni, in-netwerking, l-approċċi pubbliċi-privati, u biex jinvolvu s-settur privat u s-soċjetà ċivili.

**It-tielet,** f'isem l-effiċjenza, l-istrateġija teħtieġ azzjoni minn firxa wiesgħa ta' aġenti privati, bħal pereżempju l-industrija ta' l-ikel u s-soċjetà ċivili, u aġenti fuq livell lokali, bħall-iskejjel u organizzazzjonijiet tal-komunità.

**Fl-aħħar nett,** u x'aktarx l-aktar importanti, il-monitoraġġ se jkun essenzjali tul is-snin li ġejjin. L-għadd ta' attivitajiet intiżi għal dieta u attività fiżika aħjar huma diġa estensivi u qed jikbru minn sena għal sena. Ta' sikwit isir ftit monitoraġġ jew ftit li xejn, bir-riżultat li l-evalwazzjoni ta' dak li qed jaħdem sew jew jekk l-azzjonijiet jeħtiġux li jiġu rfinuti jew mibdula mill-fond hija limitata.

## 3. APPROĊĊ BI SĦUBIJA

Il-Kummissjoni tqis li l-iżvilupp ta' sħubiji effettivi jrid ikun is-sies tar-reazzjoni ta' l-Ewropa biex jiġu solvuti l-problemi ta' nutriment, piż żejjed u obeżità u l-problemi l-oħra marbuta mas-saħħa.

### *L-iżvilupp ta' sħubiji għal azzjoni fuq livell Ewropew*

Il-pjattaforma ta' l-UE għal Azzjoni dwar Dieta, Attività Fiżika u Saħħa bdiet topera f'Marzu 2005 biex "tipprovdi forum komuni għal dawk kollha interessati fuq livell Ewropew"[6].

Il-forum għandu l-għan li jwaqqaf azzjonijiet volontarji biex tkun miġġielda l-obeżità b' kumplimentarjetà u appoġġ għal approċċi oħra. Fost il-membri hemm għaqdiet li jirrappreżentaw l-industrija, għaqdiet għar-riċerka u s-soċjetà ċivili fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tal-konsumaturi. Fi ħdan l-oqsma ta' ħidma tagħhom, il-Membri hadu l-impenn li jieħdu passi li jistgħu jnaqqsu l-obeżità. F'Marzu 2007, il-Pjattaforma ppubblikat l-aħħar rapport tagħha ta' monitoraġġ dwar dak li kisbet sa dakinhar[7].

Il-Kummissjoni beħsiebha twettaq u tiżviluppa l-attivitajiet tal-Pjattaforma bħala għodda ewlenija fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija. F'temp ta' sentejn il-Membri niedu aktar minn 200 inizjattiva dwar dieta u attività fiżika fl-UE. Barra minn hekk, sar progress lejn l-għan miftiehem ta' sistema ċara u ta' min jorbot fuqha ta' monitoraġġ ta' l-impenji u approċċ miftiehem biex jiġu żviluppati l-għeruq lokali għall-azzjonijiet (il-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u tal-komunità).

### *It-tisħiħ tan-netwerks lokali għal azzjoni*

Riżultati konkreti jistgħu jinkisbu biss permezz ta' sħubija sħiħa u bil-kontribut tal-partijiet interessati tal-post. Bħala parti minn dan, u sabiex jiġi żviluppat approċċ komuni, u biex l-għan ikun ta' kullħadd, se jkun importanti li jiġi żviluppat qafas ta' azzjoni, u fora xierqa li jistgħu jorbtu l-aġenti fil-livelli kollha. Il-Pjattaforma ta' l-UE hija mudell li jista' jiġi imitat bħala wieħed xieraq fuq livell lokali.

---

6 Dokument Pjattaforma, Marzu 2005 http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/nutrition/platform/docs/platform_charter.pdf

7 http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/nutrition/platform/docs/eu_platform_2mon-framework_en.pdf

Bħala prinċipju ġenerali, il-Kummissjoni temmen li fora bħal dawn għandhom ikunu kkaratterizzati minn involviment wiesa' mill-partijiet interessati u b'rwol ta' koordinazzjoni mill-gvern biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet jaqgħu fi ħdan qafas ta' saħħa pubblika. Il-Kummissjoni fasslet aktar pjanijiet dwar dan is-suġġett f'dokument ta' sfond, "L-idea ta' sħubija, ġeneralizzata"[8].

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-involviment tas-settur tal-mezzi tax-xandir sabiex jiżviluppaw messaġġi u kampanji komuni.

Il-Pjattaforma rnexxilha trawwem l-azzjoni mill-partijiet interessati minn firxa ta' setturi; għaldaqstant, sabiex il-kollegament mal-gvernijiet jitjieb u bħala skambju effettiv ta' prassi, il-Kummissjoni se twaqqaf Grupp ta' Livell Għoli li jiffoka fuq kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-nutriment u l-attività fiżika. L-objettiv tal-Grupp ikun li jiżgura li l-iskambju ta' ideat ta' politika u prassi bejn l-Istati Membri jseħħ billi kullħadd iżomm quddiem għajnejh l-istrateġiji kollha tal-gvernijiet. Il-kollegament mal-Pjattaforma ta' l-UE jwassal għal komunikazzjoni rapida bejn is-setturi filwaqt li jinkoraġġixxi skambju u twettiq ta' approċċi ta' sħubija pubblika-privata. In-netwerk preżenti dwar in-Nutriment u l-Attività Fiżika jkattar ir-rwol tiegħu ta' appoġġ u jiffaċilita l-ħidma tal-Grupp.

## 4. IL-KOERENZA TAL-POLITIKA FUQ LIVELL TAL-KOMUNITÀ

Din il-*White Paper* tiffoka fuq azzjonijiet li jistgħu jittieħdu fuq livell ta' l-UE biex isir titjib fil-kwistjonijiet marbuta mas-saħħa u n-nutriment. Għaldaqstant, hija tiffoka fuq azzjonijiet li jew jinsabu fi ħdan il-kompetenza tal-Komunità, bħal pereżempju l-leġiżlazzjoni jew l-iffinanzjar ta' programmi rilevanti, jew li għalihom hemm valur miżjud minn xi dimensjoni Ewropea, bħal pereżempju fil-faċilitazzjoni ta' djalogu mal-partijiet interessati ta' l-industrija ta' l-ikel globali, jew fl-iżvilupp ta' indikaturi ta' tqabbil għall-monitoraġġ fl-Istati Membri kollha.

### *Konsumaturi infurmati aħjar*

L-għarfien, il-preferenzi u l-għemil ta' individwu, pereżempju fejn għandu x'jaqsam l-istil ta' ħajja u dak li jiekol, jieħdu l-għamla tagħhom skond l-ambjent ta' madwaru. Dan jikkonċerna, minn naħa, l-aċċess għal tagħrif ċar, konsistenti u msejjes fuq l-evidenza meta jiġi għal deċiżjoni dwar liema ikel jixtri u, min-naħa l-oħra, ambjent ta' tagħrif usa' li jieħu l-għamla minn fatturi kulturali, bħar-reklamar u mezzi oħra.

Il-Kummissjoni qed taħdem biex tiżviluppa ż-żewġ oqsma. L-ittikkettjar dwar in-nutriment huwa mod wieħed kif it-tagħrif jista' jgħaddi għand il-konsumatur u jintuża bħala għajnuna fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar is-saħħa f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri ta' l-ikel u x-xorb. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda twettaq reviżjoni tal-leġilazzjoni dwar it-tikketti dwar in-nutriment bil-ħsieb li tipproponi lill-Parlament u lill-Kunsill li dan jissaħħaħ bħala kanal ta' tagħrif lill-konsumaturi. Wara konsultazzjoni dwar it-tikketti fir-rebbiegħa ta' l-2006[9], il-Kummissjoni qiegħda tirrevedi l-għażliet għall-ittikkettjar dwar in-nutriment. Fost l-affarijiet li qed jiġu kkunsidrati nsibu jekk għandux jiġi introdott l-ittikkettjar obligatorju u n-numru ta’

8 http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/nutrition/platform/docs/contacts2007_en.pdf
9 L-ittikkettjar: il-kompetittività, tagħrif għall-konsumatur u regolamentazzjoni aħjar għall-UE. Dokument Konsultattiv tad-DĠ SANCO. Frar 2006.

nutrienti li jridu jiġu inklużi fuq it-tiketta, u r-regolament dwar l-ittekkettjar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett (jiġifieri ttikkettjar jew twaħħil ta' tabelli ssemplifikati).

Aspett ieħor huwa r-regolamentazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet li l-produtturi jagħmlu dwar il-prodotti tagħhom. Ir-Regolament Nru 1924/2006, dwar id-dikjarazzjonijiet dwar in-nutriment u s-saħħa li jsiru dwar l-ikel, daħal fis-seħħ f'Jannar 2007. Wieħed mill-objettivi ewlenin huwa li jiġi żgurat li l-istqarrijiet dwar in-nutriment u s-saħħa dwar l-ikel ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika ta' min javdaha, biex il-kunsumaturi ma jkunux imqarrqa minn dikjarazzjonijiet mhux eżatti jew mhux ċari.

Ir-reklami u l-kummerċjalizzazzjoni huma setturi qawwija li għandhom l-għan li jinfluwenzaw il-konsumatur. Hemm evidenza li r-reklami u l-kummerċjalizzazzjoni ta' l-ikel jinfluwenzaw id-dieta, u b'mod partikolari fit-tfal. Bejn Ottubru ta' l-2005 u Marzu ta' l-2006 il-Kummissjoni mexxiet Konferenza dwar ir-Rreklamar biex issir taf dwar l-approċċi awto-regolatorji u l-mod kif il-liġi u l-awtoregolamentazzjoni jistgħu jinteraġixxu u jikkomplementaw lil xulxin. Għaldaqstant, tfassal mudell ta' l-aqwa prassi (jew standards ta' governanza) għall-awtoregolamentazzjoni fir-rapport tal-Konferenza[10]. Dawn l-istandards għandhom japplikaw għall-qasam speċifiku tar-reklamar ta' ikel għat-tfal. B'dan il-mod, l-isforzi volontarji għandhom jikkomplementaw l-approċċi preżenti u differenti li ttieħdu mill-Istati Membri, bħall-kodiċi PAOS ta' Spanja u l-inizjattiva reċenti ta' l-*Office of Communication* fir-Renju Unit. F'dan il-kuntest it-talba tal-Parlament Ewropew dwar l-introduzzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għar-reklamar ta' ikel li fih ħafna xaħam jew zokkor intiż għat-tfal li saret matul taħdita dwar modifika fid-Direttiva "Servizzi tal-Midja Awdjoviżivi" (SMAV)[11] jeħtieġ li tkun enfażizzata. Id-Direttiva l-ġdida SMAV tipprevedi li dawk li jipprovdu s-servizz tal-midja għandhom jiġu mħeġġa mill-Istati Membri, u mill-Kummissjoni, biex jiżviluppaw kodiċi ta' kondotta fir-rigward tal-komunikazzjoni kummerċjali dwar l-ikel u x-xorb intiżi għat-tfal. Il-preferenza tal-Kummissjoni, f'dan l-istadju, hija li jinżamm l-approċċ volontarju preżenti fuq livell ta' l-UE minħabba l-fatt li potenzjalment tista' ssir azzjoni malajr u b'mod effettiv sabiex ir-rati ta' obeżità u piż żejjed jonqsu. Il-Kummissjoni se tevalwa dan l-approċċ u l-miżuri varji meħuda mill-industrija fl-2010 u tiddeċiedi jekk hemmx ħtieġa ta' approċċi oħra.

F'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti, il-Kummissjoni se tiżviluppa u tappoġġja kampanji speċifiċi ta' informazzjoni u edukazzjoni biex tqajjem għarfien dwar il-problemi ta' saħħa marbuta man-nutriment ħażin, il-piż żejjed u l-obeżità. Dawn il-kampanji se jkun indirizzati b'mod partikolari lill-gruppi vulnerabbli, bħat-tfal.

***L-għażla sana għandha tkun hemm ukoll***

Għażla sana tfisser li tiżgura l-eżistenza ta' għażliet sani għall-konsumatur. Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) għandha rwol importanti fil-produzzjoni u l-provvista ta' l-ikel fl-Ewropa. Minħabba f'hekk, bl-iżgurar tad-disponibilità ta' l-ikel li jieklu l-Ewropej, jista' jkollha wkoll rwol biex tgħin tfassal id-dieta Ewropea u tikkumbatti l-obeżità u l-piż żejjed. Fi ħdan il-PAK, il-Kummissjoni għandha l-impenn li ġġib 'il quddiem l-objettivi ta' saħħa pubblika, u l-aktar eżempju reċenti ta' dan hija r-riforma ta' l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni (OSK) għall-frott u l-ħaxix li l-għan tagħha huwa li jiġi promoss il-konsum fi ħdan ambjenti speċifiċi, bħal pereżempju l-iskejjel.

---

[10] http://ec.europa.eu/consumers/overview/report_advertising_en.htm

[11] Magħrufa qabel bħala d-Direttiva "Televiżjoni mingħajr Fruntieri".

Pereżempju, bħala parti mir-riforma ta' l-OSK għall-frott u l-ħaxix, il-Kummissjoni se ġġib 'il quddiem il-konsum ta' frott u ħaxix fit-tfal fil-proposti tagħha biex il-produzzjoni żejda titqassam f'istituzzjonijiet edukattivi u ċentri ta' vakanza għat-tfal. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li żżid il-ko-finanzjament ta' l-UE għal 60% għall-proġetti ta' promozzjoni intiżi għall-konsumaturi li għadhom żgħar (tfal taħt it-18-il sena). Organizzazzjonijiet produtturi se jiffukaw fuq il-konsumaturi ta' età żgħira f'kampanji kurrenti ta' promozzjoni ffinanzjati mill-UE. Fl-istess kuntest aspett ieħor importanti li għandu jitqies huwa kif tiżgura li l-frott u l-ħaxix jiqba' bi prezz baxx jew jorħos sabiex jitħeġġeġ il-konsum tiegħu speċjalment fost iż-żgħażagħ. Skema tal-frott għall-iskejjel ikkofinanzjata mill-Unjoni Ewropea tkun pass kbir 'il quddiem fid-direzzjoni ġusta. Skema ta' dan it-tip għandha tkun intiża għat-tfal bejn l-4 u it-12-il sena u se tkun parti mir-riforma tas-CMO għall-frott u l-ħaxix.

Hemm interess li dejjem qiegħed jikber fil-kompożizzjoni ta' l-ikel mmanifatturat u r-rwol li r-riformulazzjoni jista' jkollha biex id-dieta tkun aktar sana. L-industrija ħadet diġa passi importanti iżda dawn mhux dejjem kienu uniformi fil-medda tal-prodotti u ma' l-Istati Membri. Xi Stati Membri qiegħdin iħeġġu r-riformulazzjoni ta' l-ikel, pereżempju f'dak li huwa livelli ta' xaħam, xaħmijiet saturati u trans xaħmijiet, melħ u zokkor. Skond stħarriġ tas-CIAA[12] fl-2006 li twettaq fl-UE, waħda minn kull tliet kumpaniji stqarret li rriformulat ta' l-inqas 50% tal-prodotti tagħha fl-2005 u l-2006. Din ir-riformulazzjoni seħħet f'varjetà kbira ta' prodotti ta' l-ikel, fosthom ċereali ta' l-ewwel kolazzjon, minerali għax-xorb, gallettini, prodotti tad-dulċiera, prodotti tal-ħalib, zlazi, sopop, kondimenti, żjut, *snacks*, u prodotti ta' l-ikel b'ħafna zokkor.

Il-Kummissjoni tipproponi li tibda studju fl-2008 biex titkixxef dwar il-potenzjal għar-riformulazzjoni tal-prodotti ta' l-ikel sabiex jitnaqqsu l-livelli ta' dawn in-nutrijenti minħabba r-rwol li għandhom fl-iżvilupp ta' mard kroniku. Dan se jinkludi valutazzjoni ta' l-azzjonijiet meħuda s'issa permezz ta' miżuri kemm regolatorji kif ukoll volontarji, sabiex tipprovdi linja ta' bażi għal stima tal-progress fil-ġejjieni.

Il-Kummissjoni biħsiebha tiffaċilita, f'kuntest ta' sħubija, it-tnedija tal-kampanji ta' riformulazzjoni tal-melħ ibbażati fuq l-evidenza ċara ta' l-effikaċja tagħhom, kif ukoll kampanji ntiżi biex jitjieb il-kontenut nutrijenti ta' l-ikel immanifatturat fl-UE b'mod aktar ġenerali.

***Ħeġġa għall-attività fiżika***

L-attività fiżika tinkludi firxa ta' attivitajiet bħall-isports organizzat sa "l-ivvjaġġar mid-dar għax-xogħol attiv"[13] jew attivitajiet fil-beraħ. Il-Kummissjoni temmen li l-Istati Membri jridu jieħdu passi pro-attivi biex jikkumbattu t-tnaqqis fil-livelli ta' attività fiżika f'dawn l-aħħar għexiren ta' snin li huwa r-riżultat ta' għadd ta' fatturi.

L-isforz ta' dak li jkun li jsib modi biex iżid l-attività fiżika fil-ħajja tiegħu ta' kuljum għandu jitħeġġeġ bl-iżvilupp ta' ambjent fiżiku u soċjali li jwassal għal attività bħal din.

---

[12] Konfederazzjoni ta' l-Industrija ta' l-Ikel u x-Xorb.

[13] L-ivvjaġġar lejn u mill-post tax-xogħol bil-mixi, bir-rota jew xi mod ieħor attiv.

Il-Kummissjoni Ewropea tagħti appoġġ ukoll għal azzjonijiet sostenibbli ta' transport urban permezz tal-politika ta' koeżjoni, CIVITAS u l-programm Ewropa Enerġija-Intelliġenti, li dieħel f'fażi ġdida fl-2007. Proġetti ta' mixi u l-użu tar-rota jitqiesu parti ewlenija ta' dan u l-applikazzjonijiet mill-awtoritajiet lokali huma mħeġġa. Il-Kummissjoni hija ħerqana li tiżgura li l-għotjiet preżenti għall-infrastruttura pubblika jiġu sfruttati fis-sħiħ għal skopijiet ta' stil ta' ħajja sana, bħal pereżempju l-ivvjaġġar mid-dar għax-xogħol attiv, u matul l-2007 se tippubblika "gwida urbana" biex l-awtoritajiet lokali jżidu l-għarfien dwar dawn l-opportunitajiet ta' finanzjament fis-setturi kollha.

Il-Kummissjoni Ewropea se tippubblika *Green Paper* dwar it-trasport urban fl-2007 u warajha se jkun hemm Pjan ta' Azzjoni fl-2008. Il-Kummissjoni biħsiebha wkoll tippubblika gwida dwar pjanijiet ta' trasport urban sostenibbli.

Il-Kummissjoni se tressaq ukoll *White Paper* dwar l-Isport intiża biex tagħmel proposti li jżidu r-rati ta' parteċipazzjoni fl-isport fl-UE u biex testendi l-moviment ta' l-isport biex jinkludi l-attività fiżika b'mod aktar ġenerali.

***Gruppi ta' prijorità u ambjenti***

L-evidenza turi li l-obeżità qed tiżdid b'mod drammatiku fost it-tfal Ewropej, u li taffettwa b'mod sproporzjonat dawk li jinsabu fi gruppi soċjo-ekonomiċi baxxi. Żewġ objettivi tal-politika ta' koeżjoni 2007-2013 ta' l-UE huma l-promozzjoni tal-kontribuzzjoni ta' l-ibliet għat-tkabbir u l-postijiet tax-xogħol u ż-żamma ta' forza tax-xogħol sana[14]. Għal programmi b'attenzjoni fuq żoni urbani, il-miżuri li għandhom l-għan li jkattru l-ispazji pubbliċi jistgħu jinkludu l-infrastruttura f'żoni soċjo-ekonomikament żvantaġġjati, u għalhekk jipprovdu postijiet attraenti għall-attività fiżika. Fl-istess waqt, il-prijoritajiet tal-programmi għal forza tax-xogħol li tkun f'saħħitha għandhom jgħinu biex "tonqos il-firda" f'dak li huwa infrastruttura u r-riskji għas-saħħa. L-azzjonijiet biex l-attività fiżika tiġi mħeġġa jistgħu jkollhom rwol vitali fil-prijoritajiet ta' programmi bħal dawn.

14 Politika ta' Koeżjoni b'appoġġ għat-tkabbir u l-postijiet tax-xogħol, Linjigwida strateġiċi tal-Komunità 2007-2013, Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2006.

It-tfulija hija perjodu importanti biex tnaqqax preferenza favur drawwiet sani, u sabiex wieħed jitgħallem il-ħiliet meħtieġa biex iżomm stil ta' ħajja sana[15]. L-iskejjel għandhom rwol kruċjali f'dan ir-rigward. Din hija wkoll żona fejn diġa hemm evidenza soda dwar l-effikaċja ta' l-intervent: l-istudji juru li l-azzjonijiet li jiffukaw fuq il-lokal, li jkollhom medda wiesgħa u li jimmiraw lejn tfal bejn 0-12-il sena huma effettivi biex ibiddlu d-drawwiet fuq medda twila ta' żmien. Ix-xogħol għandu jiffoka fuq l-edukazzjoni dwar in-nutriment, u l-attività fiżika. L-edukazzjoni dwar is-saħħa u l-edukazzjoni fiżika huma fost it-temi ta' prijorità fil-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja (2007-2013), u aktar b'mod speċifiku fis-subprogramm Comenius għall-edukazzjoni fl-iskejjel. Se jkun hemm għaliex wieħed iwettaq proġetti kemm ta' nutriment kif ukoll ta' attività fiżika b'enfasi fuq l-isport u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-iskejjel, l-istituzzjonijiet li jħarrġu l-għalliema, l-awtoritajiet lokali u nazzjonali u l-għaqdiet sportivi.

Fl-2007 il-Kummissjoni se tiffinanzja studju li jħares lejn l-obeżità u l-istat soċjo-ekonomiku bil-ħsieb li jitqiesu l-interventi l-aktar effettivi sabiex tinstab soluzzjoni għal dawk li jinsabu fil-gruppi soċjo-ekonomiċi l-aktar baxxi.

***L-iżvilupp tal-bażi ta' evidenza f'appoġġ għat-tfassil ta' politika***

Il-Kummissjoni biħsiebha tibni fuq is-sisien sodi stabbiliti minn oqfsa ta' riċerka preċedenti fil-qasam tan-nutriment, l-obeżità u l-mard ewlieni kkawżat minn stili ta' ħajja mhux sana bħall-kankru, id-dijabete u mard tan-nifs. Il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li ssir taf aktar dwar x'jiddetermina l-għażliet fl-ikel, u se tistabbilixxi, taħt is-Seba' Programm ta' Qafas, linji ewlenin ta' riċerka fid-drawwiet tal-konsumatur; l-impatt fuq is-saħħa ta' l-ikel u n-nutriment; stimoli biex tieqaf l-obeżità fi gruppi speċifiċi bħat-tfal iż-żgħar, tfal imfarfrin u adolexxenti, u li jwasslu lejn interventi effettivi ta' dieta. Il-programm se jindirizza wkoll id-determinanti tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa bħala parti mit-tema "L-ottimizzazzjoni tat-twassil tal-kura tas-saħħa liċ-ċittadini Ewropej".

Mill-2006 l-hawn l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel (AESI) għandha r-rwol ġdid li tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar in-Nutriment u d-Dikjarazzjonijiet dwar is-Saħħa. Il-mandat il-ġdid jinkludi pariri dwar profili ta' nutriment għal ikel li fuqu jkollu dikjarazzjonijiet ta' saħħa u l-evalwazzjoni tal-ġustifikazzjoni xjentifika ta' dawn id-dikjarazzjonijiet. Eżempju ieħor tal-kontribut ta' l-AESI fil-qasam marbut man-nutriment huwa l-aġġornament tar-referenza ta' l-assorbiment ta' enerġija u nutriment tal-popolazzjoni Ewropea.

---

15 L-EPODE u "Tiger Kids" huma żewġ eżempji innovattivi ta' proġetti tal-Komunità biex jippromwovu drawwiet sani fost it-tfal. Pereżempju, l-EPODE tlaqqa' ġenituri, għalliema, professjonijisti fis-saħħa u l-komunità lokali tal-kummerċ fl-ibliet ta' Franza. Fost l-azzjonijiet hemm "ġimgħat ta' l-ikel" speċjali li matulhom it-tfal isiru familjari ma' l-ikel san, u l-organizzazzjoni u s-sorveljanza mill-ġenituri ta' "xarabank bil-mixi" lejn l-iskola. Tiger Kids hija mmirata kemm lejn tfal tal-kinder kif ukoll dawk li għandhom l-età għall-iskola f'erba' reġjuni tal-Ġermanja, u tfittex li tistabbilixxi livell ta' kwalità għall-prevenzjoni ta' l-obeżità. Hija tinvolvi l-ġenituri biex tippromwovi n-nutriment u l-attività għat-tfal kemm ġewwa kif ukoll barra l-iskola.

### *L-iżvilupp ta' sistemi ta' monitoraġġ*

Hemm ftit armonizzazzjoni dwar kif tinġabar id-*data* nazzjonali dwar l-indikaturi ta' l-obeżità u l-piż żejjed u mhux faċli tagħmel tqabbil madwar l-UE. Barra minn hekk, hemm ftit *data* f'oqsma importanti bħall-konsum ta' l-ikel.

Il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li ssaħħaħ il-monitoraġġ fuq tliet livelli ewlenin. L-ewwel nett, fuq il-livell makro biex tiżgura *data* konsistenti u paragunabbli dwar indikaturi tal-progress ġenerali – fi ħdan il-kuntest ta' l-Indikaturi tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea (ISKE) – marbuta mad-dieta u l-attività fiżika bħal pereżempju l-prevalenza ta' l-obeżità. It-tieni, biex tidentifika sistematikament liema azzjonijiet qegħdin iseħħu fl-Istati Membri sabiex dawn jistgħu jkunu ssorveljati u evalwati għall-impatt. U t-tielet, fir-rigward ta' proġetti u programmi individwali minħabba r-rwol tagħhom ta' elementi ewlenin għal reazzjoni effettiva min-naħa tas-soċjetà.

B'appoġġ tal-monitoraġġ fuq il-livell makro, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat Stħarriġ Intervista dwar is-Saħħa Ewropea (SISE) li se tibda topera fl-2007 u permezz tas-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika (SES) tistabbilixxi approċċ armonizzat fil-ġbir regolari ta' statistika dwar il-piż u t-tul, l-attività fiżika u l-frekwenza ta' konsum ta' frott u ħxejjex li jitniżżlu mill-intervistat innifsu. Sa l-2010, il-Kummissjoni biħsiebha tistabbilixxi Stħarriġ Eżami dwar is-Saħħa Ewropea (SESE) biex tikseb tagħrif oġġettiv dwar firxa ta' miżuri ta' nutriment fosthom il-BMI, il-kolesterol u l-pressjoni għolja fuq grupp ta' nies magħżul b'mod każwali. L-EUROSTAT qiegħed ukoll jibni l-ewwel sett ta' indikaturi dwar il-konsum ta' l-ikel sabiex jissorvelja mudelli u tendenzi ta' nutriment. L-enfasi ta' dawn l-attivitajiet fi ħdan l-SES hija fuq l-iżvilupp ta' *data* ta' kwalità u indikaturi fuq l-istat tas-saħħa (inkluża l-obeżità) kif ukoll fuq l-istil ta' ħajja (inklużi n-nutriment u l-attività fiżika).

L-għanijiet ewlenin huma li tiġi ddeterminata l-firxa ta' strateġiji u azzjonijiet stabbiliti fi ħdan l-Istati Membri, kif ukoll it-tisħiħ tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-impatt tagħhom. Il-Kummissjoni se tkompli tagħti l-appoġġ tagħha għall-ħidma ta' monitoraġġ permezz tal-proġetti taħt il-Programm ta' Saħħa Pubblika, li jgħinu l-azzjonijiet ta' netwerking u skambju ta' tagħrif fil-qasam tal-prassi tajba fin-nutriment u l-attività fiżika, u l-prevenzjoni ta' l-obeżità.

## 5. IL-LIVELL TA' L-ISTATI MEMBRI

Il-Kummissjoni waqqfet medda komprensiva ta' azzjonijiet fi ħdan il-kompetenza tagħha biex jitmexxew mas-setturi ta' politika. Kif diġa ntqal, iżda, bosta azzjonijiet min-naħa ta' l-Istati Membri jridu jkollhom attenzjoni primarja u huma essenzjali biex ikunu indirizzati in-nutriment, il-piż żejjed u kwistjonijiet marbuta ma' l-obeżità. Il-medda komprensiva ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni fi ħdan il-kompetenza tagħha, li jridu jitwettqu mas-setturi kollha ta' strateġija politika, taqdi l-iskop ta' sostenn jew tkomplija ta' l-azzjonijiet mill-Istati Membri. Id-differenza fid-dieta tul l-Istati Membri, u d-differenza fl-approċċi ta' strateġija politika, hija importanti. Barra minn hekk huwa essenzjali li l-azzjoni jibqgħu jiġu żviluppati fil-livelli reġjonali u lokali peress li dawn huma eqreb lejn iċ-ċittadini ta' l-UE. L-interventi f'dawn il-livelli huma ta' ħajja u mewt għal approċċi maqtugħa tal-qis u oħrajn ġenerali li jkunu ġew ivvalidati għal kuntesti speċifiċi lokali. Dawn l-azzjonijiet jeħtieġu wkoll li jkunu sorveljati, evalwati u diskussi. Il-Kummissjoni se tiġbor u flimkien mal-Grupp ta' Livell Għoli

tevalwa dawn l-azzjonijiet nazzjonali u reġjonali u tagħmel din l-informazzjoni aċċessibbli mill-web-site tagħha[16]. Il-Kummissjoni biħsiebha tuża il-Grupp ta' Livell Għoli li diġa ssemma biex iġġib 'il quddiem it-tixrid ta' l-aħjar prassi kif ukoll tipprovdi kull appoġġ li jista' jitqies xieraq fuq il-livell tal-Komunità.

L-Istati Membri għandhom ukoll rwol attiv fl-iżvilupp ta' sħubiji għal azzjonijiet lokali li jistgħu jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-inizjattivi volontarji bħal pereżempju l-iżvilupp ta' reklamar responsabbli.

## 6. DAK LI JISTGĦU JAGĦMLU L-AĠENTI PRIVATI

L-aġenti privati għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' l-għażla sana għall-konsumaturi u biex jgħinuhom jagħmlu deċiżjonijiet ta' stil ta' ħajja sana: l-azzjonijiet tagħhom f'dan il-qasam jistgħu jikkomplimentaw il-politika tal-gvern u l-inizjattivi leġiżlattivi fil-livell nazzjonali u Ewropew. Fejn l-aġenti privati jaħdmu fi Stati Membri differenti, kif inhu l-każ ta' l-industriji l-kbar, qasam aktar wiesa' ta' azzjoni jkun li jiżviluppaw approċċ komuni u konsistenti mal-konsumaturi fl-UE kollha.

***L-għażla sana ssir disponibbli u għall-but ta' kulħadd:*** L-industrija ta' l-ikel (mill-produtturi sal-bejjiegħa bl-imnut) tista' twettaq titjib li jidher f'oqsma bħal pereżempju r-riformulazzjoni ta' l-ikel f'dak li huwa melħ, xaħmijiet, b'mod partikolari xaħmijiet saturati u xaħmijiet trans, u zokkor għall-konsumaturi ma' l-UE u jikkunsidraw modi kif iġibu 'l quddiem l-aċċettazzjoni tal-konsumatur tal-prodotti fformulati mill-ġdid. Hemm ukoll evidenza li l-prassi tajba ta' dawk li jbiegħu bl-imnut fl-Istati Membri u l-promozzjoni ta' prodotti sani bħall-frott u l-ħaxix bi prezzijiet baxxi fuq bażi regolari wasslu għal impatt pożittiv fuq id-dieta.

***Il-konsumatur jibqa' infurmat:*** Il-bejjiegħa bl-imnut u l-kumpaniji ta' l-ikel jistgħu jikkontribwixxu b'mod sħiħ fl-inizjattivi volontarji li bħalissa hemm fuq livell nazzjonali.

Il-Kummissjoni qiegħda taħdem biex iġġib 'il quddiem regoli aħjar għall-irreklamar u l-kummerċjalizzazzjoni, billi ta' l-inqas tkun konformi mal-kriterji ta' tqabbil ta' l-Alleanza tal-Livelli ta' Reklamar Ewropej (ALRE), fl-Istati Membri kollha. F'dan ir-rigward, hemm dispożizzjonijiet ġodda fid-Direttiva SMAV, li jipprevedu li l-Istati Membri se jħeġġu reġimi ko- u awto-regolatorji fuq livell nazzjonali li jkunu aċċettabbli għall-partijiet interessati.

Il-Kummissjoni tilqa' aktar inizjattivi minn kumpaniji ewlenin biex tikseb dan l-objettiv.

L-awtoregolamentazzjoni tajba sserraħ fuq sistemi stabbiliti ta' monitoraġġ ta' l-iżvilupp ta' kodiċijiet miftehma u l-konformità magħhom. Bħalissa, il-kapaċità li dan jitwettaq tvarja ma' l-UE kollha. Għalhekk hemm il-ħtieġa fi ħdan l-Istati Membri li jissaħħu s-sistemi ta' awto-regolamentazzjoni u li jiġu mmirati lejn il-mudell ta' l-aqwa prassi tal-Kummissjoni. Il-Pjattaforma għandha rwol bħala forum ta' monitoraġġ ta' livell għoli ta' l-approċċ fuq livell nazzjonali u sub-nazzjonali, mill-produtturi ta' l-ikel sal-bejjiegħa bl-imnut u s-settur tal-komunikazzjoni kummerċjali.

[16] http://ec.europa.eu/dgs/health_consumer/publichealth_en.htm

***It-tħeġġiġ ta' l-attività fiżika*:** (1) L-għaqdiet sportivi jistgħu jaħdmu flimkien ma' gruppi tas-saħħa pubblika biex jiżviluppaw kampanji ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni ma' l-Ewropa kollha li jġibu 'l quddiem l-attività fiżika b'mod partikolari fost nies fil-mira, bħaż-żgħażagħ, jew dawk li qiegħdin fi gruppi soċjo-ekonomiċi baxxi. Il-*White Paper* fil-futur qrib dwar l-Isport se tfassal rwol għal netwerks bħal dawn. (2) L-aġenti lokali u reġjonali għandhom jingħaqdu b'mod pro-attiv mal-gvernijiet lokali biex iqisu objettivi ta' saħħa pubblika fid-disinn ta' bini, spazji urbani bħal żoni tal-logħob għat-tfal, u ta' sistemi ta' trasport.

***Gruppi ta' prijorità u ambjenti*:** L-iskejjel jerfgħu responsabbiltà kbira fl-iżgurar li t-tfal mhux biss jifhmu l-importanza ta' nutriment tajjeb u ta' l-eżerċizzju iżda li jkunu jistgħu attwalment jibbenefikaw mit-tnejn. Jistgħu jiġu mgħejjuna f'dan permezz ta' sħubiji xierqa mal-partijiet privati, inkluża l-komunità kummerċjali. L-iskejjel għandhom ikunu ambjenti protetti, u dawn l-isħubiji għandhom jitwettqu b'mod trasparenti u non-kummerċjali.

L-ambjent tan-negozju jista' wkoll jagħti l-appoġġ tiegħu fl-iżvilupp ta' stili ta' ħajja sana fil-post tax-xogħol. Flimkien ma' l-għaqdiet ta' l-impjegati, għandhom jiżviluppaw ukoll proposti/linjigwida għal modi kif il-kumpaniji ta' daqs differenti jistgħu jintroduċu miżuri sempliċi u ta' nfiq biex iġibu 'l quddiem stil ta' ħajja sana għall-impjegati.

L-istituzzjonijiet kliniċi professjonali Ewropej u nazzjonali għandhom jiżviluppaw proposti biex jissaħħaħ it-taħriġ ta' professjonisti tas-saħħa f'dak li għandu x'jaqsam man-nutriment u l-fatturi ta' riskju marbuta ma' l-attività fiżika għal problemi ta' saħħa (bħall-piż żejjed u l-obeżità, il-pressjoni, l-attività fiżika), b'enfażi partikolari fuq l-approċċ preventiv u r-rwol li għandhom il-fatturi ta' stil ta' ħajja.

***L-iżvilupp ta' dehra ta' prassi tajba u l-aħjar prassi:*** L-għaqdiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fl-oqsma tas-saħħa pubblika, iż-żgħażagħ u l-isport, jistgħu jiżviluppaw evidenza ta' l-impatt ta' strateġiji politiċi u azzjonijiet fil-livelli kollha.

## 7. Il-Kooperazzjoni Internazzjonali

Il-Kummissjoni se tikkollabora mad-WHO biex tiżviluppa sistema ta' sorveljanza dwar in-nutriment u l-attività fiżika għall-EU27 bħala waħda mill-azzjonijiet ta' segwitu ta' l-Istatut Ewropew dwar l-Azzjoni kontra l-Obeżità adottat f'Istanbul is-sena li għaddiet fis-16 ta' Novembru 2006. Fl-2007, id-WHO biħsiebha tadotta t-tieni Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ikel u n-Nutriment għall-Ewropa. Il-Kummissjoni Ewropea tilqa' dan il-qafas aġġornat dwar is-saħħa pubblika li fih tista' tqiegħed azzjonijiet fil-ġejjieni, u għandha impenn qawwi li tieħu sehem f'dan il-proċess.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-kooperazzjoni bilaterali, il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib ma' Pajjiżi li żviluppaw l-istrateġija tagħhom stess sabiex tibbenefika mill-esperjenzi ta' kulħadd kif ilha diġa tagħmel ma' l-Istati Uniti minn Mejju ta' l-2006.

## 8. KONKLUŻJONIJIET U MONITORAĠĠ

Il-prevalenza ta' l-obeżità se tkun waħda mill-indikaturi ewlenin fil-kejl ta' xi progress miġjub minn din l-istrateġija fl-UE. Huma hu jaqblu ma' l-Istatut tad-WHO, l-Istati Membri ta' l-UE stqarru li "għandu jinkiseb progress li jidher, speċjalment għat-tfal u l-adolexxenti, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fl-4-5 snin li ġejjin u sa mhux aktar tard mill-2015 għandu jkun possibbli li t-tendenza timbidlilha r-rotta".

Il-Kummissjoni se twettaq reviżjoni tal-progress fl-2010 biex teżamina mill-ġdid l-istat ta' l-obeżità, tara' sa fejn l-istrateġiji politiċi tagħha stess humiex konformi ma' l-objettivi ta' din il-*Paper* u sa fejn l-aġenti madwar l-UE qiegħdin jikkontribwixxu biex jinkisbu dawn l-objettivi. Fejn settur introduċa proposti jew linjigwida għal intervent, ir-reviżjoni fl-2010 se tippermetti li l-progress konkret jidher sewwa. Fil-każ partikolari tal-miżuri awto-regolatorji ta' l-industrija, ir-reviżjoni se jkollha tindika kemm dawn qed jiġu implimentati sewwa u x'effett qed ikollhom.